**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Marzu, 2021**

**Talba Nru: 292/2020PM1**

**Noel Muscat (K.I. 162758 (M))**

**Vs**

**Cachorros International Holding Company Ltd (C91055)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-20 ta' Novembru, 2020 permezz ta' liema l-attur talab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elfejn u tlett euros u disghin centezmi (€2003.90) rapprezentanti servizzi ta' kontabilita` u servizzi korporattivi piu`servizzi ohra ancillari moghtija lis-socjeta` konvenuta fuq ordni taghha stess ; bl-imghaxijiet u bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz senjatament ic-certifikat mahrug lill-attur mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-i*statement* li jindika s-somma mitluba.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tad-29 ta' Jannar, 2021, tat-22 ta' Frar, 2021 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2021 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-i*statement* ezebit u anness mal-avviz tat-talba bhala Dok. 'NM002' (a fol. 5 tal-process).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex ihallas lill-istess attur is-somma mitluba ta' elfejn u tlett euros u disghin centezmi (€2003.90) rapprezentanti servizzi ta' kontabilita` u servizzi korporattivi piu` servizzi ohra incillari moghtija lis-socjeta` konvenuta fuq ordni taghha stess bl-imghaxijiet u bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**